# XIRI MILL-FIERA?



RODERICK AQUILINA
Ko-ordinatur ECC Malta

Il-fieri huma okkażjoni sabiħa għaliex tista' żżur firxa wiesa' ta' prodotti minn diversi bejjiegħa f'post wieħed. Dan ifisser aktar konvenjenza għaliex tkun qed tiffranka l-ħin tiġri minn ħanut għall-ieħor biex tiġbor l-informazzjoni li għandek bżonn. Minħabba li l-ħin għad-deċiżjoni jkun limitat, għax normalment l-offerta tkun għal żmien qasir, xi kultant jaf tgħaġġel u tinjora xi prekawzjonijiet importanti. Meta tkun ġo fiera trid dejjem iżżomm f'moħħok li mhux il-bejjiegħa kollha huma l-istess, u allura f'dan l-artiklu se nelenkaw xi punti li għandek iżżomm f'moħħok.

L-iżjed punt importanti huwa, *kun af mingħand min qed tixtri*. Bħala Ċentru Ewropej għall-Konsumatur niltaqgħu ma' diversi konsumaturi li jkollhom l-impressjoni li għaliex ikunu xtraw minn Malta, iżda mingħand bejjiegħa barranin, jaħsbu li jekk tinqala problema jkunu jistgħu jieħdu rimedju f'Malta stess. Dan mhux dejjem possibbli, speċjalment meta l-bejjiegħ ikun rreġistrat barra minn Malta, mingħajr ebda ħanut jew uffiċċju f'Malta. Għalhekk qabel tixtri, importanti li tistaqsi għad-dettalji tal-bejjiegħ. Bejjiegħ serju jagħtik l-informazzjoni neċessarja mingħajr ebda ħabi bħal: isem in-negozju, numru tat-telefon u l-aktar dettall essenzjali li huwa l-indirizz postali. It-tieni punt huwa l-importanza li *tiċċekkja l-prodott*. Dan mhux dejjem possibbli għaliex ikun hemm bejjiegħa li ibiegħu prodotti minn fuq katalgu, u allura tkun aktar diffiċli li tiċċekkja. Dan it-tip ta' bejgħ normalment ikun marbut prezz vantaġġuż għall-perjodu tal-fiera biex il-konsumatur jagħmel kuraġġ u jakkwista dak l-oġġett partikolari mingħajr ma joqgħod jaħsibha fit-tul.

Punt ieħor hija *l-garanzija*. Din hija kruċjali speċjalment meta qiegħed tixtri mingħand bejjiegħ barrani. Dan għaliex ma jfissirx li prodott li jkun inxtara minn Malta, se jissewwa lokalment jekk tinqala xi ħsara kawża ta' difett matul is-sentejn tal-garanzija legali. Jekk il-prodott jiġi b'garanzija addizzjonali bħal dik kummerċjali, kun ċert li fhimt kif taħdem, kemm hi twila, meta tibda u fejn se ssewwi f'każ li prodott jinzerta difettuż. Qatt titlaq mingħajr prova tax-xiri. L-irċevuta jew invoice għandha tinkludi d-dettalji tal-bejjiegħ, deskrizzjoni tal-oġġett, id-data u l-ammont imħallas. Din hija kruċjali f'każ li jkollok ilment jew titlob rifużjoni ta' flusek lura minħabba li per eżempju l-oġġett ma jkunx wasal sad-data li tkunu ftehmtu.

Żomm dejjem f'moħħok li meta tkun qed tħallas ċertu ammont ta' flus bil-quddiem jaf ikun iktar diffiċli biex iġġib flusek lura jekk l-oġġett jibqa ma jasalx, għaliex jista' jkun li saħansitra jkollok tagħmel mandat fil-pajjiż fejn il-bejjiegħ ikun reġistrat.

Matul din is-sena, bħala Ċentru Ewropej għall-Konsumatur iltqajna ma' numru ta' konsumaturi li xtraw mill-fiera mingħand bejjiegħa barranin, normalment minn Sqallija. L-ilmenti jinqasmu fi tnejn: l-oġġett ma wasalx jew inkella l-oġġett ikun ta' kwalità inferjuri jew mhux skont dak li wieħed ikun ordna. Eżempju reali li wieħed jista' jirrelata miegħu huwa meta konsumatur jixtri sufan mill-fiera. Dan suppost kellu jkun tal-ġilda. Waqt li kien il-fiera l-bejjiegħ urieh it-tip ta' materjal, imma billi ħafna minna ma nifhmux fil-kwalità tal-materjal, il-konsumatur qagħad fuq dak li kien qiegħed jgħid il-bejjiegħ. Ġara li wara ftit xhur il-konsumatur innota li dan is-sufan beda jitqaxxar. Ipprova jagħmel kuntatt mal-bejjiegħ iżda l-bejjiegħ beda dejjem itawwal sakemm ma baqax jirrispondi. Il-konsumatur kellem liċ-Ċentru tagħna u aħna tlabna liċ-Ċentru Taljan jagħmel kuntatt mal-bejjiegħ. Sfortunatament lanqas iċ-Ċentru Taljan ma rnexxielu jasal għal ftehim amikevoli mal-bejjiegħ. Lill-konsumatur tajnih parir juża proċedura alternattiva sabiex jipprova jieħu dak li ħallas għalih. Dan il-każ juri li trid toqgħod iktar attent meta qed tixtri affarijiet goffi fil-qies fejn ma jkunx faċli jintbagħat il-prodott lura minħabba li l-ispejjeż tal-kunsinna huma kbar.

L-għan ta' dan l-artiklu m'huwiex biex jagħti l-impressjoni li ma jaqbillekx tixtri minn bejjiegħ barrani waqt il-fiera. Ix-xiri mill-fiera jista' jkun esperjenza sabiħa u ta' valur, iżda l-konsumatur irid ikun għaqli. Ftit prekawzjonijiet jistgħu jiffrankaw ħafna problemi aktar 'il quddiem. Bħala Ċentru nisħqu l-importanza li tiċċekkja sew qabel ma tixtri prodott. Dejjem ara esperjenzi ta' konsumaturi oħra fejn ikun possibbli biex b'hekk tifforma idea ċara tal-kwalità tal-prodott kif ukoll s-serjetà tal-bejjiegħ. Bejjiegħ affidabbli jagħmel minn kollox biex ma jkunx hemm ilmenti u fejn ikun hemm ilment jara kif jagħmel biex l-esperjenza tal-konsumatur tibqa' waħda pożittiva.

Offerti speċjali jistgħu jkunu attraenti, iżda oqgħod attent minn pressjoni biex tixtri malajr jew minn "skontijiet tal-ġurnata". Qabbel il-prezzijiet u evita xiri impulsiv. Jekk bejjiegħ ikun qiegħed ibiegħ prodott ta' kwalità' b'karatteristiċi uniċi m'għandux għalfejn jagħmel pressjoni żejda fuqek.

Għall-iktar informazzjoni dwar id-drittijiet ta' xiri minn pajjiżi Stati Membri tal-UE jew sabiex wieħed jiftaħ ilment kontra bejjiegħ li hu bbażat fl-UE, wieħed għandu jikkuntattja lill-ECC-Malta billi jżur il-website ta' dan l-istess Ċentru fuq: www.eccnetmalta.gov.mt

